SANTA LUĊIJA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

## Is-Seba' Leġislatura
## Laqgħa Numru 21-16

21 ta' Novembru 2016

Il-Kunsil Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Caroline Galea – Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

Rachel Mamo – Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

21.1.1 Nil

**21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

21.2.1 ***Proġett tal-Jogging Track***: B'referenza għall-minuta 4.3, is-Sindku nforma l-Kunsill li x-xogħol fuq il-proġett tal-Jogging Track huwa mistenni li jitlesta sa nofs ix-xahar ta' Diċembru 2016. Huwa qal ukoll li l-kuntrattur li qed jaħdem fuq dan il-proġett għandu jibgħat linji gwida dwar is-siġar. Huwa qal li kien ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar materjal li qed jintuża fuq dan il-proġett u li qed jitpoġġa direttament fuq il-ħamrija. Is-Sindku spjega dwar il-kurduna u l-qlib tal-ilma minn fuq il-wiċċ tat-*track*. Il-Viċi Sindku qal li ma jistax jifhem kif dan it-*track* ma sarx b'wiċċ sintetiku meta l-ispiża kienet orħos minn dik tal-mattonċina.

21.2.2 ***Klabb tal-Boċċi –*** Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 1.1.2 u qal li l-informazzjoni li qed jitlob il-Kunsill fir-rigward tal-attivita' Euro 2016 għandha tintalab lill-Kumitat il-ġdid tal-Klabb tal-Boċċi.

21.2.3 ***Arblu fi Trejqet Garnaw –*** Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.7 tal-laqgħa preċedenti u qal li ma sabx l-arblu li qed jirreferu għalih fl-*e-mail* li rċieva l-Kunsill mill-Enemalta.

21.2.4 ***Triq il-Ġiżimin –*** B'referenza għall-minuta 8 tal-laqgħa preċedenti il-Kunsill qabel li għandu jintbagħt *reminder* lill-perit biex jibda x-xogħol.

21.2.5 ***Approvazzjoni tal-Minuti*** - Il-Kunsill unanimament approva l-Minuti tal-Laqgħa Numru 20 li saret fil-31 ta' Ottubru 2016.

**21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

21.3.1 ***Exersice Stations fil-Jogging Track***: Is-Sindku ressaq suġġeriment li rċieva l-Kunsill biex tnejn mill-*exercise stations* li hemm fil-Jogging Track jersqu aktar viċin xulxin. Il-Kunsill qabel li dawk l-*exercise stations* saru skond l-i*specifications* tat-Trim Trail System u għandhom jibqu kif inhuma.

21.3.2 ***Subway fi Triq tal-Barrani:*** Is-Sindku nforma l-Kunsill li fuq talba tal-Kunsill, Transport Malta qed tagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq is-*subway* fi Triq tal-Barrani.

21.3.3 ***Wifi fil-Jogging Track –*** Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet inbagħtet ittra lill-Onor. Silvio Parnis dwar il-*wifi* li kellu jsir fil-Jogging Track mill-Kunsill Konsultattiv tan-Nofsinhar ta' Malta.

21.3.4 ***Ħsarat fis-saqaf tal-Berġa*** – Is-Sindku nforma li l-Kunsill qiegħed f'kommunikazzjoni kontinwa mad-Dipartiment tal-Kura Primarja dwar ħsarat fis-saqaf tal-Berġa.

21.3.5 ***Premises tal-Girl Guides:*** Is-Sindku qara *e-mail* ta' Santa Luċija Girl Guides fir-rigward ta' Health and Safety Regulations. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tkellem li min hu inkarigat mill-Girl Guides biex tara eżatt x'għajnuna qed tintalab mill-Kunsill.

21.3.6 ***Tiġdid tal-Insurance Policy tal-Kunsill:*** Is-Sindku irrefera għal kuntratt ta' tlett snin li l-

Kunsill għandu ma' Island Insurance u ppropona li jekk m'hemmx oġġezjoni l-Insurance Policy tal-Kunsill ser tiġi mġedda għat-tieni sena ta' dan il-kuntratt. Il-Kunsill approva din il-proposta.

21.3.7 ***Programm – Piż Tajjeb Tul Ħajtek:*** Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-ġranet u ħinijiet li fihom ser tintuża t-Tea Room fi Ġnien is-Serenita' biex fiha jsir il-programm tad-Direttorat għall-promozjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard.

21.3.8 ***Community Work Scheme:*** Is-Sindku ressaq il-*performance template* li trid tintelgħa mill-Kunsill għal kull ħaddiem li għandu assenjat miegħu taħt din l-iskema. Is-Sindku qal li ser ikun qed jagħmel dan l-eżerċizju u jimla dawn il-*performance reports.*

21.3.9 ***Recordjar tal-Laqgħat tal-Kunsill:*** Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li waqt *seminar* ta' taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi ġiet infurmata li r-*recording* tal-laqgħat tal-Kunsill ma jistgħax jittella' fuq *utube*. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li dan għandu jiġi kkonfermat bil-miktub mid-Departiment għall-Gvern Lokali.

21.3.10 ***Attivita' Presepju Ħaj:***

Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet li qed jiġu mħejjiha f'rabta mal-festa tal-Milied b'mod partikulari l-Presepju Ħaj. Huwa qal li qed isir ħafna xogħol b'mod volontarju filgħaxija u fi tmiem il-ġimgħa. Huwa qal li qed jiġi riċiklat ħafna materjal li kien baqa' mill-propett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku qal li qed jiġi stmat li biex jitlestew il-preparamenti għal din l-attivita' hemm bżonn spiża addizjonali ta' bejn l-€2000 u €2,500 biex ikopru l-ispejjeż kollha. Huwa qal li min jixtieq jiġi jara x-xogħol li hemm għaddej jista' jagħmel dan u hu lest jakkumpanja lill-membri tal-Kunsill wara l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li filwaqt li xtaqet tgħid proset tal-inizjattiva kif ukoll grazzi għall-volontarjat hija qalet li ma kienx hemm pjan fuq din l-inizjattiva u fuq l-ispiża nvoluta. Hija qalet li ma kienx hemm sens ta' proċedura dwar kif għandhom jintefqu l-flus tal-Kunsill.

Is-Sindku wieġeb li sens ta' proċedura m'għandux imma trid tkun involut fihom l-affarijiet biex tara kif jibdu jinqalgħu l-ispejjeż.

Il-Viċi Sindku qal li huwa favur li jsiru dawn l-inizjattivi imma l-proċedura mhix tajba u hemm nuqqas ta' rispett lejn ir-regolamenti.

Il-Kunsilliera Galea qalet li l-Kunsill qed jitpoġġa f'posizzjoni skomda.

Is-Sindku wiegħed li sa l-għada ta' din il-laqgħa kien ser jibgħat *breakdown* tal-ispejjeż li baqa' biex din tinbgħat lill-Kunsilliera kollha.

**21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

21.4.1 Il-Viċi Sindku ppreżenta dokument li tqassam mill-Onor. Jason Azzopardi dwar mistoqsija parlamentari 27956. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lid-Dipatiment dwar it-tweġiba li ngħatat fir-rigward tad-Devoluzzjoni ta' Siti Pubbliċi.

21.4.2 Il-Kunsillier Bonello staqsa fir-rigward tal-flus għall-Puttinu cares li nġabru waqt il-Chinese Food Festival. Is-Sindku qal li kien ħa l-flus u għandu r-riċevuta u ser jinforma l-Kunsill bis-somma miġbura.

21.4.3 Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għall-*e-mail* tad-Direttur tal-Gvern Lokali u għaċ-

Ċirkulari 16/2016. Hija qalet li invista tar-risposta tad-Direttur tal-Gvern Lokali qed titlob b'mod uffiċjali raġuni għalfejn il-Kunsill ma mexhiex maċ-ċirkolari u talab estensjoni għal ħatra ta' din il-kariga u meta fil-fatt kien ser jigi mressaq isem għal din il-ħatra għar-rakommandazzjoni tal-Kunsill.
Il-Viċi Sindku wieġeb li l-Kunsill talab għal estenzjoni għax bħalissa għaddejin taħdidiet biex id-Deputat Segretarju ikun *inhouse* u possibilment tiġi emendata l-liġi.

**21.5 Rapporti**

21.5.1 ***Rapport Finanzjarju għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2016 u l-30 ta' Settembru 2016* –** il-Kunsill approva rapport finanzjaru li ġie mħejji mill-*accountant* tal-Kunsill li kienet preżenti għall-laqgħa. Hija nfurmat li f'dan it-tielet kwart tas-sena ma kienx hemm spejjeż straordinarji u l-Kunsill għalaq dan il-perjodu b'*surplus* ta' €19,629.00.

**21.6 *Ġieħ Santa Luċija***

21.6.1 Il-Kunsill iddiskuta żewġ nominazzjonijiet għall-unur ta' Gieħ Santa Luċija għas-sena 2016. Il-Kunsill irċieva dawn in-nomini wara li nħareġ avviz li jinforma lir-residenti li l-Kunsill qed jilqa' nominazzjonijiet għal dan il-premju. Wara li evalwa dawn in-nomini l-Kunsill unanimament qabel li Dr Joan Abela u Dr Marie Ciantar għandhom jirċievu dan l-unur waqt attivita' li ser tiġi organizzata mill-Kunsill fit-13 ta' Diċembru 2016.

**21.7 Kuntratt ta' Impjegat taħt l-Iskema CIES**

21.7.1 B'referenza għall-e-mail li nbagħtet mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali dwar it-tiġdied ta' kunratt tac-CIES il-Kunsill qabel li jġedded għal sena oħra il-kuntratt tal-ħaddiem li għandu assenjat miegħu taħt din l-Iskema.

**21.8 Water Gutter fi Triq Pensjeri**

21.8.1 Il-Kunsill sema' il-versjoni ta' Ricky Caruana, l-kuntrattur tal-manutenzjoni ta' toroq li ta spjegazzjoni dwar ix-xogħolijiet li saru b'konnessjoni mal-kostruzzjoni ta' *water gutter* li sar fi Triq Pensjeri. Is-Sur Caruana qal li fuq kull biċċa xogħol hemm ir-riskju li tiltaqa' ma' problemi mhux mistennija. Huwa qal li kif kien qed jgħati l-konkos fuq dan il-*gutter* f'din it-triq partikulari kienu ġew xi residenti u waqfuh milli jkompli. Huwa qal li biex jintlaħaq kompromess ma' dawn ir-residenti, il-*gutter* kellu jsir b'mod differenti minn dak miftiehem u kellhom isiru wkoll il-*grids* li jgħattu dan il-*gutter* u l-ispiża kellha tiżdied. Il-Kunsill iddiskuta dawn il-fatti u qabel li x-xogħol jitħallas hekk kif ikun ċertifikat mill-perit.

**21.9 Bye-laws Ġnien is-Serenita'**

5.9.1 Billi ma kienx baqa ħin biżżejjed biex ikompli jiddiskuti emendi fil-Bye-Laws hawn fuq imsemmija il-Kunsill qabel li jipposponi din id-diskussjoni u dan l-*item* jerġa titressaq fuq l-Aġenda tal-laqgħa ta' Jannar 2017.

**21.10 Affarijiet Finazjarji u Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**21.10.1 Approvazzjoni għall-ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet u Servizzi**

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Ricky Caruana | RM/PF (57-15- 02) | 05-2016 | 3483.33 |
| Ricky Caruana | RM/PF (57-15-02 | 03-2016 | 1187.50 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | 018141 | 2061.50 |
| Joseph & Spiridione Zammit | RC (57-14-01) | 032 | 1983.72 |
| Owen Borg | PCA(57-14-02) | Serv. Ottubru 2016 | 366.93 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Siro Camilleri | SLLC Q(57-16-04) | Serv: Ottubru 2016 | 302.00 |
| Matthew Schembri | SLLC Q (57-15-07) | Serv: October 2016 | *318.58 (parts)<br>*796.26 (labour) |
| *Il-Kunsill talab biex il-kuntrattur jibgħat *invioice* għal kull biċċa xogħol ta' manutenzjoni li jagħmel u mhux kont ta' xahar sħiħ. | | | |

**21.10.2 Approvazzjoni għal xiri:**

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' xkaffar għall-*filing* għall-ammont ta' €260.00.
Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' *distribution box* għad-*Drip Irrigation Pump Room* għall-ammont ta' €68.00.
Il-Kunsill m'approvax il-kwotazzjonijiet li nġiebu biex jinxtraw kostumi għat-tfal li ser jipparteċipaw fl-attivita' tal-Kunċert tal-Milied.

**21.10.3 Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti:**

Il-Kunsill approva skeda ta' pagamenti Nru.CM21-2016 permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 6411 sa numru BOV 6464 li kopja tagħha qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti

Proponent: Joseph Bonello
Sekondant: Caroline Galea

**21.11 Mozzjonijiet**

21.11.1 ***Mozzjoni 2-2016 :*** din il-mozzjoni proposta mill-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar u ssekondata mill-Kunsillier Joe Bonello għaddiet b'vot unanimu. Kopja ta' din il-mozzjoni qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti

**12.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

21.12 Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir fil-15 ta' Diċembru 2016 fl-4.30p.m.

Konfermati, illum 15 ta'Diċembru 2016

**IFFIRMATA**

Terrence Ellul
Sindku

**IFFIRMATA**

Caroline Silvio
Segretarju Eżekuttiv